Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna ro ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

**ir-Rumen**

Swipe to change

**Leġiżlazzjoni nazzjonali**

Rumanija

Din il-paġna tagħtik informazzjoni dwar is-sistema legali Rumena u deskrizzjoni ġenerali tal-liġi Rumena.

Ma hemm l-ebda traduzzjoni uffiċjali tal-verżjoni tal-lingwa li qed tara.

Hawnhekk tista' tara verżjoni tradotta awtomatikament ta' dan il-kontenut. Jekk jogħġbok innota li din hi pprovduta biss għal finijiet kuntestwali. Is-sid ta' din il-paġna ma jaċċetta ebda responsabbiltà jew obbligazzjoni fir-rigward tal-kwalità ta' dan it-test tradott b'mod awtomatiku.

-----il-Malti-----il-Bulgarul-Ispanjoliċ-Ċekid-Daniżil-Ġermaniżl-Estonjanil-Griegl-Ingliżil-FranċiżKroatit-Taljanil-Latvjanil-Litwanl-Ungeriżl-Olandiżil-Pollakkil-Portugiżis-Slovakkis-Slovenil-Finlandiżl-Isvediż

**Sorsi tal-liġi**

Is-sorsi tal-liġi Rumena huma:

Il-Kostituzzjoni Rumena;

Il-liġijiet adottati mill-Parlament (liġijiet kostituzzjonali, liġijiet organiċi u liġijiet ordinarji);

Dekreti tal-President Rumen;

Atti leġiżlattivi tal-Gvern (ordnijiet, ordnijiet ta' emerġenza, deċiżjonijiet);

L-atti maħruġa mill-amministrazzjoni tal-gvern ċentrali (ordnijiet, struzzjonijiet u regolamenti ministerjali);

L-atti maħruġa mill-amministrazzjoni tal-gvernijiet lokali (il-Kunsilli tal-Kontea, il-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Ġenerali ta' Bukarest);

Il-leġiżlazzjoni tal-UE (regolamenti, direttivi);

Trattati internazzjonali li għalihom ir-Rumanija hija parti kontraenti.

**Tipi ta' strumenti legali – deskrizzjoni**

Il-qafas legali Rumen jinkludi l-istrumenti legali li ġejjin:

**Il-Kostituzzjoni** hija l-liġi suprema tar-Rumanija. Hija tirregola l-istruttura tar-Rumanija bħala Stat nazzjonali, unitarju u indiviżibbli, ir-relazzjonijiet bejn l-entitajiet leġiżlattivi, governattivi u ġudizzjarji u bejn l-entitajiet tal-Istat, iċ-ċittadini u l-persuni ġuridiċi.

Il-liġijiet kostituzzjonali joħorġu mill-poter kostitwent - jiġifieri mill-assemblea kostitwenti eletta u msejħa għal dak l-għan.

**Il-liġijiet organiċi** jirregolaw oqsma ta' importanza kbira għall-Istat, bħall-fruntieri tal-Istat, iċ-ċittadinanza Rumena, l-emblema tal-istat u s-siġill tal-istat, id-dispożizzjonijiet ġuridiċi għall-proprjetà u l-wirt, l-organizzazzjoni u ż-żamma ta' referenda, reati kriminali, sentenzi u r-regoli dwar kif wieħed jiskonta l-piena, l-organizzazzjoni u t-tħaddim tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, tal-qrati, tas-Servizz ta' Prosekuzzjoni Pubblika u l-Qorti tal-Awditjar, id-drittijiet tal-individwi li soffrew ħsara minn awtorità pubblika, id-difiża nazzjonali, l-organizzazzjoni tal-korpi governattivi, il-partiti politiċi.

**Il-liġijiet ordinarji** jirregolaw l-oqsma l-oħra kollha li mhumiex koperti mil-liġijiet organiċi. Liġi ordinarja ma tistax temenda jew timmodifika norma superjuri, bħal liġi organika jew il-Kostituzzjoni.

F'każijiet speċjali (waqfiet tal-Parlament) ċerti oqsma, kif stabbiliti mill-Parlament, jistgħu, fuq il-bażi ta' delega leġiżlattiva, jiġu regolati minn **ordnijiet tal-Gvern**. Dawn l-ordnijiet jinħarġu fuq il-bażi ta' att speċjali li jagħti din is-setgħa, fil-limitu u bil-kundizzjonijiet stabbiliti minn dak l-att. F'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, il-Gvern jista' joħroġ ordnijiet ta' emerġenza fi kwalunkwe qasam, jekk ikun meħtieġ.

**Id-deċiżjonijiet tal-Gvern** jiddeterminaw kif il-liġijiet għandhom jiġu implimentati b'mod effettiv kif ukoll diversi aspetti organizzazzjonali oħra tal-implimentazzjoni tagħhom.

**Atti leġiżlattivi maħruġa mill-amministrazzjoni tal-gvern ċentrali** (ordnijiet u struzzjonijiet) jinħarġu biss fuq il-bażi ta' u sabiex jimplimentaw liġijiet, deċiżjonijiet u ordnijiet tal-Gvern.

**atti ta' awtoritajiet amministrattivi awtonomi**

**atti leġiżlattivi maħruġa mill-amministrazzjoni tal-gvern lokali** (il-Kunsilli tal-Kontea, il-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Ġenerali ta' Bukarest) jirregolaw oqsma li jaqgħu fil-kompetenza tal-awtoritajiet tal-gvern lokali.

**Sorsi tal-liġi oħrajn**

Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Qrati tal-UE.

Filwaqt li l-ġurisprudenza nazzjonali mhix sors tal-liġi, id-deċiżjonijiet tal-Qorti Superjuri tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, sabiex jiżguraw l-interpretazzjoni uniformi ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi, mingħajr dubju jirrappreżentaw sorsi sekondarji tal-liġi. Barra minn hekk, id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali li jipproduċu effetti *erga omnes* u mhux *inter partes litigantes* jistgħu jtiqiesu bħala sorsi sekondarji tal-liġi.

Skont l-Artikolu 1 tal-Liġi Nru 287/2009 dwar il-Kodiċi Ċivili, is-sorsi tal-liġi ċivili jistgħu jkunu l-liġi, **prattiċi u prinċipji ġenerali tal-liġi**. Bi "prattiċi" wieħed jifhem prattiċi tradizzjonali (użanzi) u professjonali.

Id-dispożizzjonijet imsemmija hawn qabel jistabbilixxu r-regoli li ġejjin għall-applikazzjoni ta' prattiċi bħala sors tal-liġi:

prattiċi japplikaw għall-każijiet mhux stabbiliti fil-liġi. Fejn ma jeżistux prattiċi, japplikaw id-dispożizzjonijiet ġuridiċi f'sitwazzjonijiet simili, u fejn lanqas dawn id-dispożizzjonijiet ma jeżistu, japplikaw il-prinċipji ġenerali tal-liġi.

f'materji regolati bil-liġi, il-prattiċi japplikaw biss fejn il-liġi tirreferi ċarament għalihom.

jiġu rikonoxxuti bħala sorsi tal-liġi biss dawk il-prattiċi li huma konformi mal-politika pubblika u l-prinċipji aċċettati tal-morali.

il-parti interessata trid tipprova l-eżistenza ta' dawn il-prattiċi u l-kontenut tagħhom. Il-prattiċi ppubblikati f'kollezzjonijiet imħejjija mill-korpi jew l-organizzazzjonijiet awtorizzati f'dak il-qasam huma preżunti li jeżistu sakemm mhux pruvat xort'oħra.

**Ġerarkija ta' normi**

Il-ġerarkija tan-normi Rumena hija kif ġej:

Il-Kostituzzjoni Rumena u l-liġijiet kostituzzjonali qegħdin fil-quċċata tal-ġerarkija tan-normi. Il-biċċiet tal-leġiżlazzjoni u n-normi l-oħra kollha jridu jkunu konformi magħhom.
Il-liġijiet organiċi jinsabu fit-tieni post tal-ġerarkija ġuridika. Il-Parlament jadotta liġijiet organiċi b'maġġoranza kwalifikata.
Il-liġijiet ordinarji jikkostitwixxu t-tielet kategorija tan-normi ġuridiċi. Il-Parlament jadotta liġijiet ordinarji b'maġġoranza sempliċi. Liġi ordinarja ma tistax temenda jew timmodifika liġijiet organiċi jew il-Kostituzzjoni.
L-ordnijiet tal-gvern huma r-raba' kategorija ta' normi.
Id-deċiżjonijiet tal-gvern huma l-ħames kategorija ta' normi fil-ġerarkija ġuridika;
L-atti leġiżlattivi maħruġa mill-amministrazzjoni tal-gvern ċentrali u mill-awtoritajiet amministrattivi awtonomi huma s-sitt kategorija ta' normi fil-ġerarkija ġuridika.
L-atti leġiżlattivi maħruġa mill-amministrazzjoni tal-gvern lokali (il-Kunsilli tal-Kontea, il-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Ġenerali ta' Bukarest) jokkupaw l-aktar pożizzjoni baxxa fil-ġerarkija tan-normi.

**Qafas istituzzjonali**

**Istituzzjonijiet responsabbli għall-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni**

Skont il-Kostituzzjoni, l-Istat huwa bbażat fuq il-prinċipji ta' demokrazija kostituzzjonali tas-separazzjoni tal-poteri(leġiżlatura, eżekuttiv u ġudikatura) u fuq il-prinċipji tal-bilanċ tal-poter u tal-kontrolli u l-bilanċi.
Il-poter huwa maqsum ukoll bejn u eżerċitat mill-Parlament, mill-Gvern u mill-awtoritajiet Ġudizzjarji. Il-Qorti Kostituzzjonali, l-Ombudsman Rumen, il-Qorti tal-Awditjar u l-Kunsill Leġiżlattiv jiggarantixxu wkoll il-bilanċ tal-poter bejn l-awtoritajiet pubbliċi u ċ-ċittadini.
Il-Parlament huwa l-organu rappreżentattiv suprem taċ-ċittadini u l-unika awtorità leġiżlattiva tal-pajjiż. Huwa ffurmat mill-Kamra tad-Deputati u s-Senat. Fil-prinċipju, **is-setgħa leġiżlattiva** hija esklussivament tal-Parlament, iżda f'ċerti każijiet, din tinqasam mal-eżekuttiv (il-Gvern) u l-elettorat (iċ-ċittadini).
Il-Gvern jista' joħroġ ordnijiet, fuq il-bażi ta' liġi speċifika li tagħti s-setgħa, adottata mill-Parlament. F'ċirkustanzi ta' emerġenza eċċezzjonali li jkunu jridu jiġu indirizzati b'mod urġenti, il-gvern jista' anki joħroġ ordnijiet ta' emerġenza.

**Il-proċess leġiżlattiv**

Il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet leġiżlattiv huwa magħmul minn tliet fażijiet:
**1. Il-fażi governattiva jew l-istadju qabel il-Parlament** jirreferi għal:
it-tfassil u l-adozzjoni mill-gvern tal-abbozz tal-att leġiżlattiv;
il-preżentazzjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv għad-diskussjoni pubblika, bil-kundizzjonijiet stabbiliti mil-liġi;
l-approvazzjoni mill-Kunsill Leġiżlattiv, interministerjali u mill-istituzzjonijiet l-oħra;
l-adozzjoni mill-gvern tal-abbozz tal-att leġiżlattiv.
**2. Il-fażi parlamentari** tirreferi għal:
it-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lil waħda mill-Kmamar tal-Parlament (il-Kamra tad-Deputati jew tas-Senat bħala l-ewwel kamra), skont il-kompetenzi stabbiliti mill-Kostituzzjoni Rumena;
id-diskussjoni u l-adozzjoni tar-rapport/opinjoni dwar l-abbozz tal-att leġiżlattiv fil-kumitati permanenti parlamentari (f'ċerti okkażjonijiet jistgħu jiġu mwaqqfa kumitati speċjali);
fis-sessjoni plenarja, l-Ewwel Kamra tieħu deċiżjoni fuq l-abbozzi tal-atti leġiżlattivi u l-proposti leġiżlattivi mressqa quddiemha. L-ewwel Kamra għandha 45 jum biex tiddeċiedi fuq abbozzi ta' atti leġiżlattivi u proposti leġiżlattivi, li jibdew jgħoddu mid-data meta ġew ippreżentati quddiem l-Uffiċċju Permanenti tal-Parlament.
Fil-każ ta' kodiċijiet jew liġijiet oħra partikolarment kumplessi, l-iskadenza hija 60 ġurnata mid-data meta ġew ippreżentati quddiem l-Uffiċċju Permanenti.
Għall-ordnijiet ta' emergenza tal-Gvern, l-iskadenza hija 30 ġurnata.
F'każ li tgħaddi l-iskadenza, l-abbozz tal-att leġiżlattiv jew il-proposta leġiżlattiva jitqiesu adottati u jiġu mressqa quddiem il-Kamra tad-Deputati, li tieħu d-deċiżjoni finali.
Issir imbagħad il-votazzjoni fuq l-abbozzi tal-atti leġiżlattivi/proposti leġiżlattivi (ammessi jew miċħuda) u mressqa quddiem il-Kamra tad-Deċiżjonijiet (il-Kamra tad-Deputati jew is-Senat), li jaddottaw il-verżjoni finali tal-att leġiżlattiv.
**3. Il-fażi post-parlamentari** tirreferi għal:
il-kontroll tal-kostituzzjonalità tal-liġi (*kontroll a priori*) (il-Qorti Kostituzzjonali tikkonferma li l-liġi hija kompatibbli mal-Kostituzzjoni). Dan il-kontroll jista' jintalab mill- President Rumen, mill-President ta' waħda mill-Kmamar, mill-Gvern, mill-Qorti Superjuri tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, mill-Ombudsman Rumen, jew minn għall-inqas 50 deputat jew għall-inqas 25 senatur. Dan il-kontroll jista' jsir ukoll *ex officio*.
Fl-aħħar nett **il-liġi tiġi ppromulgata** mill-President fi żmien 20 ġurnata mid-data tal-wasla tagħha. Jekk il-President jitlob li l-liġi tiġi eżaminata mill-ġdid (din it-talba tista' ssib darba biss) jew li tiġi eżaminata l-kostituzzjonalità tagħha, il-liġi għandha tiġi ppromulgata fi żmien għaxart ijiem minn meta jirċeviha wara li ġiet eżaminata mill-ġdid jew wara li tirċievi l-konferma tal-konformità tagħha mal-Kostituzzjoni mill-Qorti Kostituzzjonali.
Il-liġi tidħol fis-seħħ fi żmien tlett ijiem mill-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali Rumen, Parti I, jew f'data sussegwenti msemmija fil-liġi.

**Bażijiet tad-dejta legali**

Il- bażi tad-dejta ġuridika Rumena, imfassla, amministrata u aġġornata mill-Kunsill Leġiżlattiv tagħti aċċess pubbliku mingħajr ħlas għal-leġiżlazzjoni Rumena. Din hija l-verżjoni onlajn tar- *Repertoriul legislației României*® [Direttorju Leġiżlattiv Rumen] – l-arkivju uffiċjali tal-leġiżlazzjoni Rumena, li tagħti informazzjoni preċiża u korretta dwar l-istat ġuridiku ta' kull liġi f'perjodi differenti.
Il-bażi tad-dejta tkopri l-perjodu mill-1864 sal-ġurnata tal-lum.
Id-dejta tista' tiġi aċċessata permezz tal-kriterji għat-tiftix li ġejjin:
Il-kategorija/it-tip ta' att leġiżlattiv;
In-numru;
Is-sena (il-perjodu) tal-ħruġ;
Il-perjodu tal-pubblikazzjoni;
Il-pubblikazzjoni uffiċjali (it-tip, numru, is-sena);
il-kliem ewlieni fit-titolu;
L-istat tal-att (fis-seħħ, abrogat);
Kriterji oħra (leġiżlattiv, individwali/ppubblikat, mhux ippubblikat).
L-intranet tal-**Kunsill Leġiżlattiv** fih bażi tad-dejta aġġornata b'informazzjoni ġuridika dettaljata meħtieġa għall-attività speċifika tal-adozzjoni ta' abbozzi ta' atti leġiżlattivi jew għall-għoti ta' informazzjoni utli fil-proċess leġiżlattiv.
Bażi tad-dejta oħra ġuridika (għalkemm organizzata mod ieħor) tista' tiġi aċċessata mis-sit elettroniku tal-Kamra tad-Deputati (waħda mill-kmamar tal-Parlament). Ir-riċerki jistgħu jsiru permezz ta':

It-tip ta’ att leġiżlattiv;
In-numru;
Id-data:
L-awtorità pubblika li ħarġet l-att leġiżlattiv;
Id-data tal-pubblikazzjoni u l-kliem ewlieni (kemm fit-titolu kif ukoll fit-test prinċipali tal-att).

**L-aċċess għall-bażi tad-dejta huwa mingħajr ħlas?**

Iva, l-aċċess għall-bażi tad-dejta huwa **mingħajr ħlas**.

L-aħħar aġġornament: 20/03/2014

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.